**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Is-Sibt 21 t'April 2018

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 73

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 73 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ġimgħa 27 t'April 2018 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

72.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
72.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
72.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
72.5 Rapporti;
72.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
72.7 Approvazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti QLC – CNUR 49/18 - Offerti għal Tindif ta' Toroq Mhux Urbani u Siti Oħra fil-Qrendi;
72.8 Aġġornament dwar is-sejħa għall-offerti QLC – CMHW 49/18 – Offerti għall-Kollezzjoni ta' Skart Domestiku mil-Lokalità tal-Qrendi b'Ħarsien Ambjentali;
72.9 Aġġornament dwar il-Festival Agrarju tal-Patata 2018;
72.10 Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi u l-*EDEN Network*;
72.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
72.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-73 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar il-Ġimgħa 27 t'April 2018 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-7pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 73.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA

73.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

## 73.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

73.2.1 Il-Minuti tat-72 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

73.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud ssekondat il-Minuti.

73.2.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

73.2.4 Is-Sindku David Schembri rrefera għal Minuta 72.10 "*Performance Bonus* tal-Clerk tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi" u qal li fl-aħħar laqgħa sar żball min-naħa tal-Kunsill Lokali dwar li s-Sa Stephanie Caruana titħallas b'arretrati l-*performance bonus* dovut lilha mill-2013 'il quddiem.

73.2.4.1 Qal li ġaladarba l-Kunsill Lokali preċedenti, tas-sitt leġiżlatura, dejjem approva b'mod unanimu lis-Sa Caruana għandha tieħu l-massimu tal-*performance bonus* dovut lilha, allura l-Kunsill Lokali preżenti m'għandux ikollu problema sabiex jikkonferma li t-3% inqas li ħadet fis-snin 2010, 2011 u 2012 jingħatawlha wkoll bħala arretrati.

73.2.4.2 Is-Sindku ppropona lis-Sa Caruana għandha tieħu t-3% l-oħra li jammontaw għal total ta' 6% kull sena bħala *performance bonus* għas-snin 2010, 2011 u 2012.

73.2.4.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta.

73.2.4.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 73.3, 73.4 u 73.5 jiġu diskussi wara Minuta 73.10 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

73.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

73.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara li ħarġu l-permessi, għadda x-xahar ta' konsultazzjoni u issa jistgħu jinbdew ix-xogħolijiet.

73.6.2 Qal li fit-2 ta' Mejju 2018 se tkun qiegħda tinbeda l-ewwel fażi fejn l-ewwel se jitneħħew il-bandli u l-bankijiet, imbagħad se jitneħħew ukoll xi siġar li t-tneħħija tagħhom hija approvata mill-ERA u mill-Awtorità tal-Ippjanar.

73.6.3 Żied li fit-2 ta' Ġunju se jkun qiegħed jingħata bidu għax-xogħol fuq il-Berġa tal-lokal, u spjega kif illum stess saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-*Primary Health Care* fejn ġew diskussi diversi punti.

73.6.4 Fisser kif il-Berġa se tkun qiegħda tiċċaqlaq temporjanjament u timxi għall-bini tal-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u tkun fil-kamra li f'dawn l-aħħar snin kienet qiegħda tintuża bħala *filing store.*

73.6.5 Spjega kif iċ-ċaqliq se jkun qiegħed isir fi ftit tal-ġimgħat oħra u allura issa rridu nkunu nafu eżatt meta se jibda l-proċess tal-migrazzjoni tal-Berġa minn fejn qiegħda llum għall-binja tal-Kunsill Lokali.

73.6.6 Qal li l-kumpanija Taljana Linda Redna Tekne tidher kumpanija serja u dan ħareġ wara li saret l-ewwel laqgħa bejn rappreżentanti tal-Kunsill Lokali, il-Perit tal-Kunsill Lokali fuq dan il-proġett u rappreżentanti tal-kumpanija.

73.6.7 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa staqsa mil-liema parti se jinbeda l-proġett

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

u s-Sindku wieġeb li l-ewwel se jitneħħew il-bandli u s-siġar, imbagħad jibda jitwaqqa' l-bini li hemm preżenti u jinbeda t-tħaffir.

73.6.7.1 Is-Sindku kompla li l-bini mistenni jieħu madwar sena u nofs sabiex jitlesta' kollu, imbagħad wara tkun tista' tibda t-tieni fażi tal-proġett.

## 73.7 APPROVAZZJONI DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CNUR 49/18 – OFFERTI GĦAL TINDIF TA' TOROQ MHUX URBANI U SITI OĦRA FIL-QRENDI

73.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bord t'aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa ltaqa' u saret l-aġġudikazzjoni.

73.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon, li kien ukoll is-Segretarju tal-Bord t'Aġġudikazzjoni, ressaq ir-rapport bl-isem *"Evaluation Report dated 17/04/2018 – Publication Ref: QLC – CNUR 49/18 – Cleaning and Clearing of Non-Urban Roads and Sites in Qrendi"* liema rapport jinsab mehmuż ma' dawn il-Minuti bħala Annex 1.

73.7.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ppropona li l-Kunsill Lokali għandu jimxi mal-proposta l-Bord t'Aġġudikazzjoni, jiġifieri li s-Sur Joseph Farrugia kien l-irħas offerent u kellu d-dokumenti kollha meħtieġa għal din is-sejħa.

73.7.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 73.8 AĠĠORNAMENT DWAR IS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CMHW 49/18 – OFFERTI GĦALL-KOLLEZZJONI TA' SKART DOMESTIKU MIL-LOKALITÀ TAL-QRENDI B'ĦARSIEN AMBJENTALI

73.8.1 Is-Sindku David Schembri qal li aktar kmieni dakinhar, infetħu l-offerti tas-sejħa għall-kollezzjoni tal-iskart domestiku.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

73.8.2 Qal li b'kollox jidher li kien hemm tliet offerenti li tefgħu l-offerta tagħhom u allura issa ngħadduha għall-fażi tal-aġġudikazzjoni.

73.8.3 Spjega kif fl-aħħar jiem inqalgħet sitwazzjoni bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u d-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-membri li jservu fuq il-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

73.8.4 Fisser kif il-Kunsill Lokali issa qiegħed f'sitwazzjoni li jew jagħżel lil min jidhirlu hu li huwa kompetenti li jkun fuq il-Bord t'Aġġudikazzjoni, inkella jerġa' jmur għall-persuni professjonali kif għamel fl-aħħar aġġudikazzjoni li saret.

73.8.5 Żied li huwa jipproponi li l-Kunsill Lokali xorta waħda jmur għall-għażla ta' avukat, *accountant* u persuna teknika bħalma kien sar fl-aħħar Bord t'Aġġudikazzjoni.

73.8.6 Ippropona li għandhom jiġu avviċinati Dr Joseph Sammut bħala avukat, Is-Sur Christian Gravina bħala *accountant*, u s-Sur Svetlick Flores bħala persuna teknika.

73.8.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 73.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-FESTIVAL AGRARJU TAL-PATATA 2018

73.9.1 Is-Sindku David Schembri qal li ngħatajna għajnuna mill-*Arts Council Malta* permezz tal-fond AVOS, fejn se ningħataw għajnuna ta' €2,500.

73.9.2 Żied li barra minn dawn il-flus minn dan il-fond, se nkunu qegħdin ningħataw l-għannejja għall-Festival, kif ukoll €1,000 addizzjonali mingħand *Arts Council Malta*.

73.9.3 Qal li r-rappreżentanti minn Comber, l-Irlanda ta' Fuq, se jkunu Malta s-Sibt 26 ta' Mejju u qal ukoll li ġejja Froujke de Jong mill-Olanda flimkien ma' żewġha imma dawn mhumiex mistiedna mill-Kunsill Lokali.

73.9.4 Żied li r-rappreżentanti mill-Irlanda ta' Fuq se jkunu magħna mis-Sibt

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

26 ta' Mejju sat-Tlieta 29 ta' Mejju 2018.

73.9.5 Spjega kif sabiex issir l-wirja artistika, se nkunu qegħdin nagħmlu *patching* estensiv fiż-żona magħrufa bħala l-Pjazza tal-Maqluba.

73.9.6 Żied li dan se jsir biex it-triq tkun aktar lixxa u ma jkunx hemm problemi sabiex titqiegħed it-tinda fejn taħtha se jkun hemm il-wirja artistika.

73.9.7 Fisser kif bħalissa qegħdin jiġu diskussi xi punti dwar din il-wirja ma' diversi artisti u jkollna aktar dettalji fil-jiem li ġejjin.

73.9.8 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li t-Tnejn li għadda saret il-laqgħa mal-għaqdiet tal-lokal li se jkunu qegħdin jieħdu sehem bi stalls tal-ikel, u qal li għandhom sa bħal-lum ġimgħa sabiex jinfurmawna bl-ikel li se jkunu qegħdin joffru, li prinċiparjament irid ikun jinkludi l-patata.

73.9.9 Qal li se jkollna wkoll wirja tal-karozzi matul l-għodwa, u s'issa jidher li hemm ħames għaqdiet tal-karozzi li huma interessati li jiġu u allura qegħdin nikkalkulaw li jista' jkollna madwar mitt karozza għall-esebizzjoni.

73.9.10 Tkellem ukoll dwar id-divertiment u qal li fil-preżent qegħdin nifformulaw il-lista taż-żeffiena u l-kantanti, imma dwar dawn se jkollna aktar dettalji fil-jiem li ġejjin.

73.9.11 Fl-aħħar nett qal li bħalma sar fis-snin l-imgħoddija, se ssir wirja bil-klieb tal-pulizija kif ukoll se jsir it-tberik tal-annimali.

## 73.10 <u>IL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI U L-*EDEN NETWORK*</u>

73.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li tlabna għal xi materjal sabiex inkunu nistgħu niddiskutu din il-materja fid-dettall, imma sal-laqgħa kien għadu ma wasalx fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

73.10.2 Ippropna li din il-materja tiġi diskussa ġaladarba jasal il-materjal li

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

qegħdin nistennew.

73.10.3 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 73.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

73.3.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar is-siġar li għandna fil-lokalità tal-Qrendi u qal li hemm minnhom li jistgħu jkunu ta' periklu u issa l-attenzjoni aktar intefgħet fuqhom wara l-inċident fatali li seħħ fiż-Żurrieq.

73.3.1.1 Qal li s-siġar tal-lokal ħafna minnhom diġa' ġew miżbura, imma issa tlabna wkoll lill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd* sabiex jagħmlulna rapport estensiv dwar is-siġar kollha li għandna fil-Qrendi u liema huma ta' periklu għall-pubbliku u le.

73.3.1.2 Dan ir-rapport se jkun qiegħed jagħti aktar dettalji lill-Kunsill Lokali dwar is-sitwazzjoni tas-siġar fil-lokal u nkunu nistgħu nieħdu l-azzjonijiet neċessarji minn hemm 'il quddiem.

73.3.1.3 Fisser kif se nkunu qegħdin induru s-siġar kollha, kemm dawk tal-ġonna, tas-*central strips*, kif ukoll dawk li jinsabu f'art privata imma jistgħu jkunu ta' periklu għall-pubbliku, u dan għaliex is-sigurtà tal-persuni tiġi l-ewwel.

73.3.2 Is-Sindku tkellem dwar każ li kellu l-Kunsill Lokali fil-Qorti, meta ġejna mressqa mill-OHSA minħabba li ma ħallasniex il-multa dovuta.

73.3.2.1 Qal li din il-multa kienet tħallset ftit jiem qabel ma s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv irċevew it-taħrika li jridu jidhru quddiem il-Qorti f'isem il-Kunsill Lokali.

73.3.2.2 Żied li dakinhar li tlajna l-Qorti lanqas biss dehrna quddiem il-Maġistrat minħabba li konna diġa' ħallasna l-multa ta' €250, imma

issa qabbadna uffiċjal tas-saħħa sabiex isir rapport ta' *health and safety* fuq il-binja tal-Kunsill Lokali.

73.3.2.3 Fisser kif dan ir-rapport se jiġi jiswa lill-Kunsill Lokali €250, imma aħjar ikollna xi ħaġa f'idejna milli nibqgħu niġu akkużati li m'aħniex nieħdu ħsieb biżżejjed lill-ħaddiema tagħna.

73.3.3 Is-Sindku tkellem dwar it-tnedija ta' *Poetry in Potato Bags*.

73.3.3.1 Qal li t-tnedija saret ilbieraħ filgħaxija u kienet tifforma parti mill-attivitajiet ta' Valletta18.

73.3.4 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mas-Sur Andrew Haig minn Transport Malta u li matulha tkellimna dwar sitwazzjonijiet pendenti li għandna fil-lokal mal-istess Awtorità.

73.3.4.1 Qal li b'mod speċjali tkellimna dwar l-immanniġjar tat-traffiku, kif ukoll dwar ir-rotta tal-karozza tal-linja fil-lokal fost l-oħrajn.

73.3.5 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret ma' rappreżentanti tal-ERA minħabba installazzjoni ta' dwal ġodda fi Triq Ħaġar Qim.

73.3.5.1 Qal li qegħdin nippruvaw insibu soluzzjoni għaliex l-ERA ma jixtiqux li jiġu installat il-lampi tad-dawl normali, imma lampi differenti, li wkoll jistgħu ma jkunux fuq l-arbli.

73.3.5.2 Fisser kif issa se ssir laqgħa fuq il-post, u kif ukoll irrid nitkellmu dwar min se jkun qiegħed jiffinanzja dan il-proġett.

73.3.6 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Ministeru tat-Trasport dwar is-sitwazzjoni fi Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro, Triq Dun Nerik Mahoney u Triq it-Tabib Gregorio Mifsud.

73.3.6.1 Qal li l-għan tal-laqgħa kien biex jaraw jekk jistgħux isiru xi żviluppi sabiex kemm Triq it-Tabib Gregorio Mifsud u anke Triq Dun Nerik Mahoney jinfetħu u ma jibqgħux kif inhuma llum.

73.3.6.2 Fisser kif minn dak li tkellimna waqt il-laqgħa, jidher li jrid ikun hemm direzzjoni mill-Ministru konċernat jekk kemm-il darba triq

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tinfetaħ qabel ma tkun żviluppata, għax s'issa qiesu hemm il-prassi li jekk it-toroq mhux se jiġu żviluppati, dawn ma jinfetħux.

73.3.6.3 Spjega kif fil-preżent għandna problema fuq idejna, għax jekk kemm-il darba jinqala' xi ħaġa fi Triq Monsinjur Ġużeppi De Piro, ir-residenti li joqgħodu fuq dik in-naħa ta' Triq Dun Nerik Mahoney u Triq it-Tabib Gregorio Mifsud jispiċċaw bla aċċess u ma jkollhomx minn fejn joħorġu.

73.3.6.4 Qal li bħala Kunsill Lokali qegħdin niffukaw aktar li tinfetaħ Triq it-Tabib Gregorio Mifsud minħabba li hija iqsar u allura tkun forsi aktar faċli li tinfetaħ hi l-ewwel, imma s'issa għadna kif stadju bikri.

73.3.7 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mal-Aġenzija tat-Trasport biex Triq it-Tempesta, Triq Ħaġar Qim u Triq il-Panorama jsiru toroq arterjali.

73.3.7.1 Qal li minn din il-laqgħa ħareġ li l-idea prinċipali mhijiex li dawn it-toroq isiru arterjali imma li ningħataw għajnuna mingħand din l-Aġenzija sabiex dawn it-toroq jiġu rranġati.

73.3.7.2 Spjega kif issemmiet ukoll Triq il-Kabiri bħala l-uniku triq fil-qalba tal-lokal li għadha ma ngħatatx tarmak.

73.3.8 Is-Sindku tkellem dwar stedina li kellu sabiex ikun fuq il-programm "Illum ma' Steph."

73.3.9 Is-Sindku tkellem dwar kors li hu u s-Segretarju Eżekuttiv se jkunu qegħdin jattendu u li dan il-kors se jkun ippreżentat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

73.3.9.1 Qal li dan il-kors qiegħed isir sabiex 'il quddiem il-Kunsilli Lokali jkunu parteċipi fid-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn jidħlu permessi ta' żvilupp.

73.3.10 Is-Sindku tkellem dwar seminar li sar dwar il-protezzjoni tad-data.

73.3.10.1 Qal li mill-25 ta' Mejju 2018 se jiddaħħlu ċertu proċeduri ġodda sabiex il-protezzjoni tad-data tkun imġarsa aktar.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

73.3.11 Is-Sindku tkellem dwar Triq iċ-Ċimiterju u qal li issa din it-triq tlestiet.

73.3.12 Is-Sindku tkellem dwar il-każ quddiem il-Qorti ta' Argus Insurance Ltd vs Sindku u Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

73.3.12.1 Qal li issa qegħdin noqorbu lejn l-aħħar stadji ta' din il-kawża li ilna għaddejjin fuqha diversi xhur u issa jidher li jonqos biss it-trattazzjoni u s-sentenza.

73.3.13 Is-Sindku tkellem dwar inċident li seħħ fi Triq Congreve, f'Wied iż-Żurrieq.

73.3.13.1 Qal li wara li seħħ l-inċident fejn coach tat-turisti daħlet fil-ħajt, kien hemm diversi persuni li taw l-għajnuna siewja tagħhom sabiex jitneħħa l-periklu malajr kemm jista' jkun.

73.3.13.2 Spjega kif għadna qegħdin nistennew li jsiru x-xogħolijiet neċessarji fuq il-biċċa tal-ħajt li nkisret u dawn mistennija jsiru fil-ġimgħat li ġejjin .

73.3.14 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi qiegħed jieħu ħsieb flimkien mal-Iskola Primarja tal-Qrendi u l-Ministeru tal-Edukazzjoni.

73.3.14.1 Qal li fil-jiem li ġejjin għandha ssir laqgħa mal-istampatur sabiex jiġi diskuss kif se jkun dan il-ktieb tal-laqmijiet tal-Qrendi.

73.3.15 Is-Sindku tkellem dwar talba li saret sabiex isir il-bust ta' Dr Ġużé Cassar, ex membru parlamentari u ex President tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes.

73.3.15.1 Qal li l-familjari ta' l-Avukat Cassar ipproponew li jsir mafkar qrib il-klabb tal-boċċi, minħabba li din it-triq hija msemmija propju għalih, imma għadna rridu naraw dan il-proġett kemm se jiġi jiswa u x'irridu nagħmlu biex inġibu l-permessi meħtieġa.

73.3.15.2 Spjega kif l-applikazzjoni biex isir dan il-mafkar trid tiddaħħal sat-13 ta' Lulju 2018.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

73.3.16 Is-Sindku tkellem dwar il-polza t'assikurazzjoni li għandu l-Kunsill Lokali tal-Qrendi u li din ser tiskadi fil-15 ta' Mejju 2018.

73.3.16.1 Qal li huwa tal-opinjoni li din terġa' tiġi mġedda, kif ukoll il-Kunsill Lokali għandu jibda jħares lejn polza oħra fejn il-Kunsill Lokali ma jkunx jista' jinżamm responsabbli fuq inċidenti li jsiru fil-lokal, imma dawn ikunu koperti b'polza tal-assikurazzjoni.

73.3.16.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-proposta u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

73.3.17 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sa Marie-Jeanne Borg, Assistent Prinċipal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari Numru SPI 3/2018 – Skema ta' Tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Komunità.**

73.3.17.1 Qal li jkun ideali kieku l-Kunsill lokali jista' jidħol għal din l-iskema, biss fil-preżent għandna problema fejn jistgħu jsiru ċertu korsijiet, u allura din l-iskema se jkollna naqbżuha u nittamaw li nibbenefikaw minn skemi simili la jkollna ċ-Ċentru Ċiviku ġdid.

73.3.18 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sur Christopher Galea, *Senior Monitoring Officer* fid-Diparitment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **BOA – Appell 49_2016_01 – William Lewis vs KL Qrendi**.

73.3.18.1 Qal li jidher li kien hemm bidla fil-Bord tal-Appell, u dan il-bord il-ġdid xorta waħda jrid li nitilgħu quddiemu, avolja konna tlajna quddiem il-bord ta' qabel.

73.3.19 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sur Nicholas Desira, bit-titlu ***National Hearing Screening Initiative***.

73.3.19.1 Qal li dan huwa każ simili bħal ta' qablu u għalkemm bħala idea tidher tajba ħafna u anke bħala Kunsill Lokali nixtiequ ngħinu, għandna problema ta' fejn wieħed jista' jagħmel dan l-i*screening*, aktar u aktar meta l-Berġa se timxi fil-bini tal-Kunsill Lokali fil-ġimgħat li ġejjien.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

73.3.20 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza li rċevejna mingħand is-Sa Maria Spiteri, bit-titlu ***Light Up The Night***.

73.3.20.1 Qal li bħalma għamilna s-sena li għaddiet, bejn il-Ħamis 10 u s-Sibt 12 ta' Mejju, ir-roundabout tematika tal-Qrendi se tkun qiegħda tixgħel vjola matul il-lejl bħala sapport għal dawk li jbatu mill-kundizzjonijiet tal-*fibromyalgia* u *myalgic encephalomyelitis*.

73.3.21 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu ***Your letter dated 20/4/18 (attached)*** mibgħuta mis-Sa Vanessa Bonnici għan-nom tas-Sa Maria Astrid Demicoli.

73.3.21.1 Qal li ftit tal-jiem ilu rċevejna talba għal parkeġġ riservat mingħand is-Sa Demicoli, sabiex dan isir fi Sqaq il-Parroċċa Nru 1, imma l-Kunsill Lokali mill-ewwel bagħat risposta li dan l-isqaq mhux se jibqa' aċċessibbli għall-karozzi, allura l-parkeġġ riservat seta' jsir biss f'Misraħ San Mattew.

73.3.21.2 Spjega kif din kienet ir-risposta tas-Sa Demicoli, li qiegħda taċċetta li jekk għandu jsir parkeġġ riservat dan isir f'Misraħ San Mattew u allura issa se nkunu qegħdin ngħaddu kollox lil Transport Malta sabiex jieħdu deċiżjoni huma.

73.3.22 Is-Sindku tkellem dwar korrispondenza bit-titlu ***New Surface*** mibgħuta mis-Sur Carmel Farrugia.

73.3.22.1 Qabel ġiet diskussa din il-materja l-Kunsillieri Daniel Farrugia u Daniela Farrugia qalu li mhux se jkunu qegħdin jieħdu sehem fid-diskussjoni minħabba li l-persuna inkwistjoni huwa qarib tagħhom u allura għandhom kunflitt t'interess.

73.3.22.2 Is-Sindku qal li hu stess mar jara Triq Filippu Zammit fejn qiegħed jiġi allegat li qiegħed joqgħod l-ilma, imma hu ma seta' jara mkien fejn dan kien qiegħed iseħħ.

73.3.22.3 Qal li jkun aħjar jekk is-Sur Farrugia jibgħat xi ritratti fuq il-korrispondenza li bagħat qabel sabiex il-Kunsill Lokali jkun jista' jifhem aħjar fuq liema parti tat-triq qed jitkellem.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 73.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

73.4.1 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija min-naħa tal-Kunsillieri.

## 73.5 RAPPORTI

73.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li tkellem mas-Sur Joe Micallef ta' Micallef M. Travel dwar ġurnata Sqallija u semma' kif jista' jkun li tkun imqassma din il-mawra.

73.5.1.1 Qal li l-ġurnata Sqallija se ssir nhar is-Sibt 15 ta' Settembru u l-prezz se jkun €160 għall-kbar u €60 għat-tfal.

73.5.1.2 Il-Kunsilliera Daniela Farrugia staqsiet jekk qattx kien hemm il-ħsieb li minflok ġurnata Sqallija jiġi organizzat *weekend*.

73.5.1.3 Il-Viċi Sindku wieġeb li min-naħa tiegħu jista' jiċċekkja imma ovvjament il-prezz se jogħla aktar imbagħad irridu naraw jekk jikkonkorrux in-nies.

73.5.2 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-ħarġa għal Għawdex u qal li għal din is-sena se tkun problema għalih li jorganizza l-ħarġa li s-soltu ssir f'Lulju.

73.5.2.1 Żied li mhijiex problema li jorganizza l-ħarġa li ssir f'Awwissu, u ppropona li din issir nhar il-Ġimgħa 24 t'Awwissu u tkun bil-*Fun Train*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

73.11 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI**

73.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €22,725.30 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 04/18 u €116.22 skont il-*Petty Cash* Ref V/03.

73.11.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

73.11.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

73.11.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

73.12 **TMIEM TAL-LAQGHA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

73.12.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 21 ta' Mejju 2018 fil-5:30pm.

______________________ ______________________

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |